## IT-TIENI PARTI

## QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**7 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:—**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Francis Coleiro noe.

*versus*

Carmelo Cassar.

**Danni — Kulpa Aquiliana — Regolament 7 tal-Factories Ordinance.**

*F'kas fejn il-grad ta' prevedibilità huwa remot ħafna il-Qorti ma tarax nuqqas mid-diliġenza ordinarja mistennija mill-"bonus pater familias".*

*Huwa veru li forn jidħol fid-definizzjoni ta' "factory" tal-Factories Ordinance (Kap 169) u li skond l-Art. 6 ta' dik l-Ordinanza il-proprjetarju ta' fabbrika huwa responsabbli għall-osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza u tar-Regolament magħmulin taħtha. Imma in kwantu dak il-ksur ta' dover impost mir-regolamenti jista joħloq presunzjoni ta' responsabbilità kontra il-konvenut (Art. 1076 Kod. Ċiv.) l-oneru tal-provi tiegħu huwa dejjem a kariku tad-danneġġjat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazjoni li bih l-attur Francis Coleiro, bħala leġittimu rappresentant ta' bintu minuri Victoria — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedementi kollha opportuni — talab (i) li il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni li sofriet bint l-attur,

'l fuq imsemmija minuri ta' 11-il sena, mħabba traskuraġni imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut, fil-5 ta' Ġunju 1962, meta mħabba ħtija ta' l-istess konvenut lidha ġiet maqbuda fil-magna li titħan il-lewż fid-dolċerija tal-konvenut (ii) li dawn id-danni jiġu likwidati okkonendo permezz ta' periti nominandi, u (iii) li l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż.

Rat... omissis...

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ik-kontesta kwalunkwe responsabilità għad-danni preteżi mill-attur nomine għaliex bint l-attur kienet unikament respon-sabili għad-danni li sofriet.

Rat d-dikjarazjoni tal-konvenut;

Eżaminat l-atti tal-kawża, fosthom r-relazjoni tal-perit ġudizzjarju l-Avukat Dr. Albert V. Grech, assistit mit-Tabib Dr. Albert Bartolo.

Tikkonsidra;

Illi ma hux kontrastat bħala fatt li fil-5 ta' Ġunju, 1962, bint l-attur, il-minuri Victoria Coleiro, tifla ta' ħdax-il sena, waqt li kienet fil-forn ġestit mill-konvenut fin-numru 143, Trieq San Duminku, il-Belt, Valletta, fejn huwa ukoll jagħmel xi dolċerija, f'ċertu ħin daħħlet idha x-xellugija fil-bokka tal-magna, ċioe' "mincer", li isservi biex tidħan l-lews, idha inħatfitilha hemm ġew, u il-"blade" ossija il-parti li taqta tal-magna, qatatilha idha x-xellugija barra minn nofs l-avambraccio jew il-polz l-isfel. Dan huwa menomament ser-ju u ma hemmx dubju li, kieku kien dovut għan-negliġenza

tal-konvenut, kif huwa allegat fiċ-ċitazzjoni, kien jista jikkostitwixxi bażi għall-azzjoni ta' danni likwidabili fil-fattispeċċi, skond l-art 1088 Kod. Ċiv. fit-telf ta' qligħ l-imsemmija minuri tbati 'il quddiem minħabba inkapaċità permanenti parzjali apparti kull dannu ieħor;

Illi però il-partijiet ma jaqblux la dwar is-serje ta' fatti li wasslu għat-telf ta' id ix-xellugija tal-imsemmija minuri u lanqas dwar il-kriterji legali applikabili għall-każ;

Illi l-perit ġudizzjarju, wara li, bl-assistenza tal-espert mediku, semgħu x-xhieda prinċipalment ta' l-istess Victoria Coleiro, tal-konvenut, ta' ibnu Emmanuele Cassar, ta' bint il-konvenut Vincenza Cassar, u tat-tifla Giuseppina Zarb (li fuqhom il-Qorti titkellem 'il quddiem) u żamm aċċess fuq il-post u eżamina il-magna in kwistjoni rrelata li fl-opinjoni tiegħu l-attur nomine ma ippruvax li l-konvenut naqas mill-prudenza, diliġenza u attenzjoni tal-**bonus pater familias**, u li l-każ kien dovut għal disgrazja li għandha tbati ha il-vittima tagħha;

Illi dwar il-fatti x-xhieda prinċipali fuq imsemmija ma jaqblux għal kollox, konsegwenza mistennija meta l-inċident bħal f'dan il-każ, ikun ġara għal għarrieda, u il-persuni li kellhom x'jaqsmu mal-każ ma kienux qagħdu jagħtu attenzjoni speċjali għall-movimenti u il-komportament ta' xulxin, liema konsegwenza tispikka iżjed meta lejn dawk il-persuni ikun hemm ħbiberija u fiduċja, anzi affezzjoni, bħal ma kien hemm f'dan il-kas stante r-relazjonijiet ta' parentela bejn iż-żewġ familji ċioe' dik tal-konvenut u dik tazzija materna tal-infortunata li magħha din kienet qegħda tgħaddi xi ġranet fl-epoka tal-inċident;

Illi però, malgrado dawn d-diskrepanzi fuq il-fatti, il-

Qorti hija soddisfatta li hemm biżżejjed fir-resultanzi proċesswali biex l-inċident jiġi rikostrivit b'dan il-mod jiġifieri:

(a) Fil-5 ta' Ġunju, 1962, Victoria Coleiro bint l-attur, kienet qegħda il-Belt għand iz-zija materna tagħha. Waħda minn ulied din hija miżżewġa lil bin il-konvenut, Emmanuele Cassar, li jaħdem mal-konvenut fil-forn, u li jissemma il quddiem bħala xhud importanti f'din il-kawża. It-tifla tal-konvenut, Vinċenza Cassar, li wkoll hija xhud importanti, hija, jew almenu kienet sa dak ż-żmien, għarusa lil wieħed mit-tfal l-oħra ta' din z-zija ta' Victoria Coleiro;

(b) F'ċertu ħin fil-ġurnata msemmija Victoria Coleiro flimkien ma kuġinietha, ta' impara mill-eta', Giuseppina Zarb, tifla oħra ta' l-istess zija tagħha marret fil-forn tal-konvenut. Ma jirriżultax dak li qalet Victoria Coleiro, ċioe' li huma marru fuq invit ta' Emmanuele Cassar. F'din ċ-ċirkostanza hija kontradetta barra mill-istess Emmanuele Cassar u oħtu Vinċenza, minn Giuseppina Zarb, li offriet xiehda ċirkostanzjata u indipendenti u li l-Qorti tagħmel affidament fuqha, anke taħt aspetti oħra li jissemmew il-quddiem. Iż-żewġ itfal marru fil-forn waħedhom, bħal ma kienu jagħmlu s-soltu, bl-approvazjoni tal-ġenituri tagħhom li kienu jafu li hemmhekk jiġu ittrattati tajjeb anzi b'imħabba.

*(c) Dak il-ħin, fil-forn kien hemm żgur il-konvenut,* ibnu Emmanuele Cassar u binthu Vinċenza Cassar. Milli jidher il-konvenut kien qiegħed f'parti oħra tal-fond adibit bħala forn u għalkemm kien jaf bil-presenza tat-tifla Victoria Coleiro ma jirriżultax li huwa kien jaf li hija kienet fil-kamra fejn hemm il-magna jew "mincer" in kwistjoni u wisq inqas jirrisulta li huwa personalment qabbadha jew

b'xi mod inkoraġġiha biex taħdem fuq din il-magna. L-anqas l-istess Victoria Coleiro, fiż-żewġ deposizzjonijiet tagħha ma taddebitha b'dan. Kif jidher anke min-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-attur il-bażi tal-pretenzjoni tiegħu hija li il-konvenut ma issorveljax lill-bint l-attur la personalment u lanqas permezz taż-żewġ uliedhu u li dawna, jew xi ħadd minnhom, ħallewha taħdem fuq il magna li titħan il-lews, u b'hekk l-attur jakkolla *lill-konvenut responsabilita'* tant diretta kemm indiretta;

(d) Illi kif daħlu fil-forn iż-żewġ itfal Victoria Coleiro u Giuseppina *Zarb* qabdu *jgħinu lil Vinċenza* Cassar *taqla l*-ostji minn xi biskuttini tal-lews li kienu jinsabu fil-kamra fejn hemm il-magna in kwistjoni (hawn il quddiem imsejħa 'il kamra tal-magna') iżda wara ċertu ħin Giuseppina *Zarb* u *Vinċenza* Cassar *marru* fil-*kamra* l-*oħra adjaċenti* biex jgħamlu il-pasti tal-cocoanuts. Allura Victoria Colciro kompliet taqta l-ostji waħedha.

*(e)* *Illi* hawnhekk *tinqala* kwistjoni *ta' fatt li l-attur* jirritjeni li hija ta' importanza għalih, ċioe' jekk f'dak il-ħin il-magna li ġibet lok għal korriment kienitx qegħdha taħdem, min kien qabad iħaddimha u jekk fil-presenza u bil-permess ta' dik il persuna, l-istess Victoria Coleiro bditx titfa jew jekk kienet ġia' bdiet komplitx titfa il-pasti tal-lews għad-dħin. Il-Qorti qegħda tuża l-espressjoni titfa il-pasti tal-lews "bħala dik li l-iżjed tirrifletti l-istat tal-provi, għax anke jekk wieħed jieħu l-agħar ipotesi sostanzjabili mill-provi attwali kontra l-konvenut, dak li għamlet Victoria Coleiro fil-presenza ta' Emmanuele Cassar, jew ta' oħtu Vinċenza, ma jistax jammonta għal-iżjed minn *hekk*, u bejn *dan il fatt fanċjullesk* u x-xogħol ta min jiġi imqabbad jew awtorrizzat, jew anke taċitament inkoraġġit, jopera makkinarju, u 'multo magis' makkinarju

perikulus, kif hija il pretensjoni tal-attur, hemm differenza materjali għall-finijiet ta' din il-kawża.

(f) Illi il-Qorti, fuq din il-kwistjoni ta' fatt, tħossha soddisfatta li, qabel ma ġara l-inċident lamentat kien bin il-konvenut, Emmanuele Cassar, li qabbad il-magna in kwistjoni. Dan jirriżulta mix-xiehda tal-istess Emmanuele Cassar. Id-differenza bejn x-xiedha tiegħu u t-teżi konkluzjonali ta' l-attur hija li dan Emmanuele Cassar isostni li it-tifla Victoria Coleiro fl-ebda ħin, fil-presenza tiegħu, ma bdiet jew kompliet titfa il-pasti tal-lews f'dik il-magna, li hu, meta illarga min ħdejn dik il-magna, ħalla littifla waħedha fil-kamra taqla l-ostji mill-biskuttini, u li sakemm illarga biex iġib xkupilja ħalli ifarfar il-magna (intervall li huwa jikkalkola bħala mhux iżjed minn tlett minuti) ġara l-infortunju billi, mingħajr ma hu kien jaf minn qabel jew f'xi ħin sar jaf, Victoria Coleiro marret titfa il-pasti tal-lews fil-magna u imbgħad daħħlet idha.

(g) Illi t-tifla Giuseppina Zarb tixhet xi dawl fuq din il-kwistjoni billi tispjega (dak li ma tagħmilx Vinċenza Cassar) li wara li hija u Vinċenza Casar kienu spiċċaw jgħamlu il-pasti tal-cocoanuts fil-kamra l-oħra huma it-tnejn irritornaw fil-kamra tal-magna (fejn allura kien hemm Victoria Coleiro) u bdew (hi u Vinċenza) jixħtu il-pasti biex jindaħnu fil-magna li kienet ġiet imqabbda min Emmanuele Cassar fil mument anterjuri meta kienu qed jagħmlu il-cocoanuts. Evidentement meta din Giuseppina Zarb u Vinċenza Cassar marru fil kamra l-oħra adjaċenti tagħhom dikinhar (jiġifieri t-tielet in ordni kronoloġiku wara li l-ewwel qagħdu jaqalgħu l-ostji ma Victoria Coleiro imbgħad lestew il-cocoanuts) bdew jixtħu il pasti ta' lews fil-magna jekk Emmanuele Cassar kien hemm filbidu ma baqax sa l-aħħar, għax l-istess Giuseppina Zarb

tkompli tispjiega li meta Emmanuele Cassar għajtilhom biex imorru iġibu il-kafè (u il-kelma "għajtilna" tindika li hu kien ailura ġia' illarga mill-kamra tal-magna) hi u Vinċenza Cassar marru ġewwa u "Victoria baqgħet waħedha" u saddattant il-magna kienet għadha imqabbda. Ikompli jirriżulta mix-xiehda ta' Giuseppina Zarb, li il-Qorti, kif intqal iżjed il fuq temmen, li meta hi u Vinnċenza Cassar telqu mill-kamra tal-magna Victoria Coleiro kienet ġia' bdiet tixħet xi pasti u li Vinċenza Cassar ma qaltilha xejn. Min dan jidher li jekk Victoria Coleiro, kif ma hemx dubju, bdiet hi ukoll tixħet xi pasti tal-lews, dana bdiet tagħmlu fl-assenza ta' Emmanuele Cassar min dik il-kamra, u irresponsabilita' indiretta tal-konvenut, taħt dan r-rigward, tiġi limitata għall-fatt li Vinċenza Cassar, tfajla f'dak żżmien hi stess ta' xi sittax il-sena, ma żammitx lill Victoria Coleiro milli titfa il-pasti;

(h) Illi mill-provi l-oħra kolha ma jirriżulta xejn iżjed li jista jimmerita konsiderazjoni in sostenn tat-tezi tal-attur, ħlief dak li ġia' intqal, ċioe' il-konsapevolezza tiegħu li it-tifla Victoria Coleiro kienet fil-post mingħajr ma hu qagħad jissorveljaha, u din ċ-ċirkostanza l-oħra li issa sejra tissemma. Victoria Coleiro ma tgħidx li Emmanuele Cassar qabbadha tħaddem il-magna, anzi mill-kompless taż-żewġ deposizjonijiet tagħha jirriżulta li, kif tgħid hi stess, meta hija baqgħet waħedha, telgħet fuq kaxxa tal "Kinnie" li kien hemm fejn il-magna (u li evidentement kien jużaha anke Emmanuele Cassar biex ilaħħaq mal-magna) u bdiet tixħed il-pasti tal-lews. L-uniku addebitu li hija tgħamel lil-Emmanuele Cassar f'dan r-rigward jikkonsisti fil fatt li insegwitu, meta reġa daħal fil kamra ta' magna biex iġib xi tqieq, huwa kien raha titfa il pasti fil-magna u b'dana kollu ma qalliex biex twarrab anzi iċċajta magħha billi ġibdilha il-libsa. Din ċ-ċirkostanza hija, fis-sus-

tanza tagħha, miċħuda min Emmanuele Cassar, li ipoġġi iċ-ċajta tal-ġbid tal-libsa fil-mument anterjuri ta' meta Victoria Coleiro kienet għadha qiedgħa taqla l-ostji. Għalhekk hemm konflitt ta' provi fuq dan il-punt li dwaru il-Qorti ma tistax tinqeda bil-xiedha iżjed indipendenti ta' Giuseppina Zarb, għax-sadanittant din laħqet marret ma Vinċenża Cassar iġġib il-kaffe. Għalkemm iċ-ċaħda ta' Emmanuele Cassar ma tantx hi reċisa Victoria Coleiro ukoll turi inċertezza taħt aspetti oħra fix-xiehda tagħha, bħal dik li tirrigwarda li ma tafx min kien qiegħed jaħdem fuq il-magna, u għalhekk l-anqas ma jista jiġi esklus xi żball tagħha konsistenti fi spostament tal-ħin meta Emmanuele Cassar iċċajta magħha. Il-Qorti għalhekk tiddirimi din il-kwistjoni ta' fatt, għal dak li setgħet qatt tiswa, billi tirritjieni li ma ġiex pruvat sodisfaċentement illi Emmanuele Cassar f'xi ħin ra lill Victoria Coleiro titfa il-pasti tal-lewa f'din il-magna, u f'dan s-sens biss il-Qorti taqbel ma dik il parti tar-relazjoni peritali fejn ġie sottomess li ma jirriżultax b'mod serju li xi ħadd min ulied il-konvenut akkonsenta għal dak li kienet qegħdha tagħmel Victoria Coleiro. Iżda l-istess ma jistax jingħad bħala fatt, apparti mill-aspett tar-responsabilita' legali, għar-rigward ta' Vinċenza Cassar, u dana minħabba x-xiehda ta' Giuseppina Zarb li tgħid li Victoria Coleiro kienet bdiet tixħed il-pasti fil presenza tagħha u ta' din Vinċenza Cassar u li din ma qaltilha xejn in kuntrarju;

Illi mill provi analizati u rikapitolati hawn fuq jirriżulta li l-addebitu kontra l-konvenut jista jkun u anzi huwa biss (a) li huwa ma issorveljax adegwatament lill-Victoria Coleiro waqt li kienet fil-forn tiegħu la personalment u lanqas permezz taż-żewġ uliedhu, u (b) li Vinċenza Cassar, bintu, kienet rat lill-Victoria Coleiro tixħed il-pasti fil-magna u pero' ma żammitiex milli tagħmel hekk.

Dawn iż-żewġ fatti fit-teżi ta' l-attur jikkostitwixxi negligenza skond l-Art. 107 Kond. ċic. u ksur tal-Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945 (Notifikazjoni tal-Gvern Nru. 458 tat 28 ta' Settembru 1945).

Illi pero' il-Qorti mingħajr ma tinkoraġġixxi l-ineffiċjenza u d-dilettantismu li spiss jammontaw għal negligenza u jistu jsiru pjaga fis-soċjeta', ma tistax issib f'dan il-każ l-estremi tal-kolpa.

Illi l-ewwelnett, kwantu għar-responsabilita' indiretta li il-konvenut seta kellu għan nuqqas ta' sorveljanza da parti ta' uliedu ma ġietx ipprovata kontra tiegħu il "culpa in eligendo" li sallum (art. 10800 Kod. Ċiv.), independentement mill-kwistjoni l-oħra tal-allegata infrazjoni tar-regolamenti li tiġi it-trattata il-quddiem, hija element essenzjali biex il-konvenut ikun ritenut responsabili għaddanni kaġonati bit-terzi minn uliedu bħala persuni imqabbdin minnu;

Illi anke pero' kieku, jekk wieħed jassumi li il-konvenut, sew minħabba r-regolamenti kemm mod ieħor kien responsabili għall-aġir jew ommissjoni ta' uliedu, u speċjalment tal-fatt li Vinċenza Cassar ma ipprojbitx lill-Victoria Coleiro li tixhet il parti tal-lews fil-magna biex jindaħnu, jibqa dejjem li il-magna in kwistjoni mhiex minnatura tagħha magna li għandha raġjonevolment tinduċi, fil-bniedem ta' diliġenza ordinarja, prospettat mill-liġi (art. 1074, 1075, 1076 Kod. Ċiv.) prevedebilita' tal-perikolu u tal-event dannus li avvera ruħu f'dan il-każ. Il-posizzjoni fejn kienet qedgħa il-magna, l-għamla u il-mekkaniżmu tagħha, li jikkategorizzawha ma "mincer", il-fatt li ix-xafra hija koperta u mdawra minn kullumkien barra min

bokka ċkejkna ta' djametru biss ta' 2½", li minnha jinxeħtu il-pasti, u id-distanza ta' 5½" mill-bokka għax-xafra, irrendew wisq diffiċilment prevedibili għaż-żewġ ulied tal-konvenut li jassistuh fix-xogħol, li tifla, allavolja ta' ħdax il-sena, sejra iffettilha iddaħħal idha hemm ġew (għal liema motiv huwa irrelevanti) b'dawk il-konsegwenzi li ġraw minflok ma tuża l-injama li kienet qegħdha fuq il-magna proprju biex tinbotta il materjal, bħal ma issir fil-magni ta' l-ikkapuljat ordinarjament użati anke fid-djar. U dak li japplika taħt dan r-rigward għall ulied il-konvenut japplika b'iżjed raġuni fl-ambitu tal-prinċipji li jiggovernaw il-materja ċivilment (u apparti mir-regolamenti) għall-konvenut, li ma kienx jaf x'qedgħa tagħmel fil-forn Victoria Coleiro, u ħalliha hemm bħas soltu, biex wieħed jgħid hekk qisha bintu. Fejn il-grad ta prevedibilitata' huwa daqshekk remot il-Qorti ma tistax tara fil-konvenut jew f'uliedu nuqqas mid-diliġenza ordinarja mistenniha mill-**bonus pater familias** "In jure causa proxima non remota spectatur" u fl dan il kas n-ness ta' kawża u effett bejn il-kondotta tal-konvenut u wliedu u d-danni li sofriet bint l-attur huwa wisq vag u tippredomina d-disgrazja li kultant tmiss il-bniedem bix-xorti;

Illi barra minn dana l-attur objetta fin-nota tal-osservazjonijiet tiegħu li il-konvenut jista jiġi dikjarat responsabili għal-danni taħt r-regolamenti fuq imsemmija, u li il-Qorti sabet li ġew emendati, fil parti tagħhom li tista tinteressa il-kas (regolament Nru. 7 permezz tan-Notifikazjoni tal-Gvern Nru. 55 tat-28 ta' Jannar, 1956. Huwa veru il-forn jidħol fid-definizjoni ta' "factory" tal-Factories Ordinance (Kap. 169) u li skond l-art. 6 ta' dik l-Ordinanza il-proprietarju ta' fabbrika huwa responsabili għall-osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza u tar-regolamenti magħmulin taħtha. Imma in kwantu dak

il-ksur ta' dover impost mir-regolamenti jista joħloq presunzjoni ta' responsabilita' kontra il-konvenut (art. 1076 Kod. Ċiv.) l-oneru tal-provi tiegħu huwa dejjem a kariku tad-danneġġjat;

Illi l-attur jinvoka ir-regolament Nru. 7 u preċisament il-paragrafu (j) tiegħu li jiddisponi li l-ebda persuna (u naturalment wisq inqas persuna ta' eta' tenera) ma għandha titħalla taħdem fuq magna mingħajr sorveljanza adegwata u mingħajr ma tkun ġiet istruwita fuq il-perikolu inerenti għal magna li tkun qed taħdem fuqha. Iżda l-applikazjoni ta' dan ir-regolament hija testwalment limitata "to any machine to which this regulation applies" u il-Qorti ma tista bl-ebda mod issib kif, anke jekk wieħed iħares lejn il-kas bl-ikbar simpatija lejn ċ-ċirkostanzi sfortunati tiegħu, ir-regolament nru. 7 sew meħud komplessivament kemm fis-singoli disposizionijiet tiegħu, jista japplika għal, jew ikollu x'jaqsam ma, ordenji jew apparati bħal "mincer" in kwistjoni. Ċertament il paragrafu (j) ma jistax japplika għal magni kollha indistintivament għax kieku ma kienitx tintuż fih il frasi "to which this regulation applies" u, billi ma hemm l-ebda lista jew skeda, kif ħafna drabi hija teknika tad "draftsman" meta tiġi użata dik il-frażi limitativa, bil fors titnissel il-konsegwenza li il-magni li għalihom japplika dak il paragrafu (j) għandhom joħorġu "ex visceris" tad-disposizionijiet preċedenti li mkien ma jirreferrixxu għal-magni żgħar u li mhumiex minn-natura u mil-mod ta' operazjoni tagħhom perikolużi, anzi huma normalment apparti min xi disgrazja imprevedibili, ta' l-aqwa sempliċita' u sigurezza, bħal dik in kwistjoni. Il kontest kollu tar-regolament nru. 7 jindika li qed jittratta fuq machinery "fis-sens ta' impjant li għandhu "flywheels", "prime movers" "belting" (ċineg) ġeneraturi, "et similia" u f'dan is-sens hija limitata il-kelma

"machine" fil paragrafu (j) tiegħu. Konsegwentement il-Qorti ma issib xejn ċensurabili taħt dan r-rigward kontra il-konvenut, li, milli jidher, lanqas ma ġie mħarrek għal xi kontravenzjoni tar-regolamenti mill awtoritajiet kompetenti.

Għal dawn il-motivi, u prevja l-adozjoni tar-relazjoni sa fejn ma hijix inkossistenti mal-permess, il-Qorti tirrispinġi l-ewwel domanda tal-atur nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u in vista ta' dina d-deċiżjoni tiddikjara li ma hemx lok għall-eżami tat-tieni u tat-tielet domanda kontenuti fiċ-ċitazzjoni.